Meta l-missier jagħmel Karnival
**l-ulied jagħmlu r-Randan**

# *erba' poeti qabel is-sawm*

**nhar is-Sibt, 21 ta' Frar, Bieb is-Sultan, Ħaż-Żabbar, 7.30pm**



Nhar is-Sibt, 21 ta' Frar, fis-7.30pm, f'Bieb is-Sultan, Ħaż-Żabbar, Adrian Grima, Immanuel Mifsud, John P. Portelli, u Terence Portelli se jixxalaw bix-xogħol li ppubblikaw qabel jibda s-sawm.

Dan l-aħħar dawn l-erba' poeti ħarġu tliet kotba ta' poeżija bil-Malti. Adrian Grima u Immanuel Mifsud ħarġu *Riħ min-Nofsinhar. It-tibdil fil-klima skont Immanuel Mifsud u Adrian Grima* (Edizzjoni Skarta, 2008).

Il-poeta Malti John P. Portelli, li huwa professur tal-Edukazzjoni f'Toronto, il-Kanada, ħareġ il-ġabra *Taħt iċ-Ċirasa/Under the Cherry Tree* (PEG 2008), waqt li Terence Portelli ppubblika ġabra ta' ħajku u senriju bl-isem ta' *Stoppini u Suffarelli/Sparkles and Whistles* (KKM, 2008).

Bieb is-Sultan, Ħaż-Żabbar, huwa l-bini li hemm f'nofs it-triq bejn Ħaż-Żabbar u l-Kottonera, viċin ħafna tal-kumpless sportiv u, iktar 'l isfel, il-Kulleġġ De La Salle. Id-dħul se jkun b'xejn imma l-kotba le.

L-organizzazzjoni hija f'idejn Inizjamed u Poeżijaplus.

Din l-attività se ssir bil-kollaborazzjoni ta' VersAgħtini Il-Kelma Maltija. L-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw lis-Sur Mario Farrugia tal-Fondazzjoni Wirt Artna.

Għal aktar tagħrif ikteb lil Poeżijaplus (sergiogrech@yahoo.com) jew Inizjamed (inizjamed@maltaforum.org). Ara wkoll www.poezijaplus.com u www.inizjamed.org.